NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VICTORIA, VCT 1000, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278
WEBSITE: www.gozodiocese.org E-MAIL: gozocuria@onvol.net khili@gozodiocese.org

**Nru. 423** **Marzu 2012**

## *PASTORALI TAR-RANDAN 2012*

*N.B. Aqraw u Spjegaw lill-Membri tal-Għaqdiet u Gruppi Ekkleżjali l-Ittra Pastorali tar-Randan 2012 tal-Isqfijiet tagħna fil-laqgħa tagħkom matul dan ir-Randan Imqaddes.*

### Siltiet mill-Pastorali tar-Randan 2012 tal-Isqfijiet tagħna Mons Pawlu Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta u Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex.

**L-Eżilju tagħna fil-kultura u r-Randan**

L-eżilju huwa dak kollu li jbegħidna minn Alla. Kulħadd għandu tiegħu, imma nistgħu nsemmu ftit eżempji. Meta taħseb li dak li tiddeċiedi inti huwa tajjeb jew ħażin bla ma tagħmel l-ebda rabta tal-Kelma ta' Alla. Meta taħseb li f'ħajtek m'għandekx bżonn lill-Mulej Ġesu u lill-Knisja li ħallielna Hu, ħlief meta tiltaqa' ma' xi emerġenza (mard, funeral, problema). Meta tintilef fil-ġirja għall-affarijiet materjali bla ma tagħti każ l-etika u l-ġustizzja. B'mod ġenerali nistgħu ngħidu li nkunu fl-eżilju spiritwali meta f'ħajjietna npoġġu fil-ġenb il-kmandamenti ta' Alla.

Il-Kelma ta' Alla wrietna li fl-eżilju, il-poplu l-magħzul intebaħ li flok akkwista ħafna liberta' minn Alla, sar ilsir tiegħu nnifsu u ta' oħrajn. Bosta bnedmin, anke fi żmienna, għandhom din l-esperjenza. Jaħsbu li jekk jitilqu lil Alla jsiru aktar liberi u jagħmlu li jridu. Fil-fatt isibu li dan mhux veru. U ħafna drabi f'din is-sitwazzjoni ta' miżerja, ħafna jintebħu kemm għandhom bżonn ta' Alla u jerġgħu jduru lejh.

Ir-Randan huwa ż-żmien meta aħna iktar naħsbu biex nagħżlu li nħarsu 'l quddiem lejn is-Saltna mwiegħda minn Ġesù lilna lkoll. Il-ħsieb fuq il-Misteru tal-Għid - il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù - fir-Randan għandu jkun dejjem quddiem għajnejna.

Ir-Randan jibda jkollu iktar sens bħala għażla tat-triq li teħodna barra milll-Eżilju.Il-hin tat-talb iktar mis-soltu; ir-rażan mill-affarijiet purament materjali, inkluż is-sawm minn dak kollu li jxaqlibna lejn il-materjaliżmu; il-Qari tal-Kelma ta' Alla li fiha t-triq għall-art imwiegħda; is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (il-Qrar) li jgħinna nifhmnu iktar it-tajjeb u l-ħażin fil-ħajja tagħna; li wieħed jersaq iktar lejn l-Ewkaristija, huma kollha sinjali ta' bniedem li mhux biss għażel li joħrog mill-Eżilju, iżda li beda jimxi t-triq li tgħinu jidħol fil-fond fil-ħajja u fil-kultura nisranija. Din hija x-xewqa tagħna għalikom ilkoll.

==================================================================================

## Għaż-Żgħażagħ (mill-KDŻ)

- Mill-Ġimgħa sal-Ħadd, 2-4 ta' Marzu: **Irtir għaż-Żgħażagħ 16+** (Dar Manresa).
- Mit-Tlieta sal-Ħamis, 20-22 ta' Marzu: **Eżerċizzi tar-Randan** għaż-għażagħ Għawdxin f'Malta (Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Msida Circus, 7.15pm).
- Is-Sibt 31 ta' Marzu: **Via Sagra** għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ (Għolja ta' Għammar, 6.30pm).

---

**Via Crucis Djoċesana fuq il-Għolja ta' Għammar**
**Il-Ħadd 25 ta' Marzu 2012 fis-6.30pm.**
Inħeġġu lill-membri tal-Għaqdiet u l-Movimenti Ekkleżjali (u l-familji tagħhom) biex jipparteċipaw!

---

**Adorazzjoni Ewkaristika nhar ta' Sibt billejl organizzata mill-Moviment Ewkaristiku:**

- **3 ta' Marzu** - Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat.
- **10 ta' Marzu** - Knisja tar-Raghaj it-Tajjeb, taċ-Ċawla.
- **17 ta' Marzu** - Knisja ta' Savina, ir-Rabat.
- **24 ta' Marzu** - Kappella tal-Karmnu, ta' Ħamet.
- **31 ta' Marzu** - Knisja Parrokkjali tal-Għarb.

Il-Lejl jibda fit-8.00pm b'quddiesa u jkun hemm quddiesa oħra f'nofsillejl.

| | |
|---|---|
| 1. Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.4 tal-Iskejjel tal-Knisja (St. Theresa).<br>Grupp ta' Talb Dun Mikiel Attard : Knisja ta' Ħamet fis-6.00pm quddiesa ; fis-6.30pm sas-7.30pm Adorazzjoni Ewkaristika. / It-12-il dehra tal- B.V.M. ta' Lourdes. |
| 2. Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti minn Dun Geoffrey G. Attard fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.00p.m.<br>Irtir għaż-Żgħażagħ (KDŻ - Manresa) / It-13-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes. |
| 3. Sibt | L-ewwel Sibt tax-xahar/ Irtir għaż-Żgħażagħ (KDŻ - Manresa) / L-14-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes.<br>Laqgħa mal-Isqof għall-Assistenti Ekkleżjastiċi tal-Azzjoni Kattolika (Seminarju fid-9.30am).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria - 8.00pm. |
| 4. Ħadd | It-Tieni Ħadd tar-Randan. / Ċenaklu - Irtir A. K. (Dar Ċentrali) fit-8.30am.<br>Irtir għaż-Żgħażagħ (KDŻ - Manresa) / Il-15-il dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 5. Tnejn | Laqgħa għas-saċerdoti Żona B. (Għarb – 4.00pm) |
| 5-9 | Eżerċizzi għall-Professjonisti minn Dun Anton Teuma fil-Knisja ta' Santu Wistin, Victoria fit-8.00p.m. |
| 7.Erbgħa | Santa Perpetwa u Santa Feliċita, Martri. Tifkira (O)./Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 8. Ħamis | Jum Internazzjonali tan-Nisa (GM) / Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.5 tal-Iskejjel tal-Knisja (St. Theresa). |
| 9. Ġimgħa | Pellegrinaġġ Penitenzjali ta' San Girgor. Imexxi l-E.T. Mons Isqof Mario Grech (Kercem fis-6.00pm).<br>Laqgħa għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF. Dar Mnaresa fit-8.00pm). |
| 10. Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.00pm. |
| 11. Ħadd | It-Tielet Ħadd tar-Randan / Festa ta' San Girgor il-Kbir (Parroċċa Kerċem).<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 12 Tnejn | Laqgħa għas-saċerdoti Żona A-Fontana fil-4.00pm/ Laqgħa KDF –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-6.15pm |
| 14. Erbgħa | Laqgħa KKSK (Konservatorju Primarja). / Laqgħa KDF -Ċentru Ragħaj it-Tajjeb – 7.30pm).<br>Każ Morali (Seminarju – 4.00pm) |
| 15. Ħamis | Laqgħa għall-għalliema tal-Yr.6 tal-Iskejjel tal-Knisja (St. Theresa). |
| 16.Ġimgħa | Open Evening fl-iskellej tas-Seminarju Minuri u tal-Konservatorju Sekondarja. |
| 17. Sibt. | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja ta' Savina, Victoria li jibda fit-8.00pm |
| 18. Ħadd | Ir-Raba' Ħadd tar-Randan / Acies Leġjun ta' Marija (Xewkija fil-5.00pm).<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 19. Tnejn | San Ġużepp Għarus tal-Verġni Mqaddsa Marija. Solennità. Messalin Sena B.<br>*Sports Day* għall-Abbatini u membri tal-Gruppi tal-Vokazzjonijiet (Gym tas-Seminarju – 9.00am-2.00pm)<br>Laqgħa għas-saċerdoti Żona B. (Nadur-4.00pm). |
| 20. Tlieta | Applikazzjonijiet Esterni Form.1 Seminarju/ Konservatorju.<br>Eżerċizzi tar-Randan għaż-għażagħ Għawdxin f'Malta (Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Msida fis-7.15pm). |
| 21. Erbgħa | Jum Internazzjonali biex titneħħa d-Diskriminazzjoni Razzjali (ĠM).<br>Applikazzjonijiet Esterni Form.1 Seminarju/ Konservatorju.<br>Eżerċizzi tar-Randan għaż-għażagħ Għawdxin f'Malta (Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Msida fis-7.15pm). |
| 22.Ħamis | Jum Dinji tal-Ilma (ĠM).<br>Eżerċizzi tar-Randan għaż-għażagħ Għawdxin f'Malta (Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, Msida fis-7.15pm). |
| 23.Ġimgħa | Jum ta' Talb u Sawm b'tifkira tal-Missjunarji Martri / Sports day Skejjel Primarji tal-Knisja. |
| 24. Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati fil-Parroċċa taż-Żebbuġ fis- 6.00pm.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja ta' Ħamet – 8.00pm).. |
| 25.Ħadd | Il-Ħames Ħadd tar-Randan / Is-16-il Dehra tal-B.V.M. ta' Lourdes./ Lejlet il-Festa tal-Lunzjatafil-Knisja tal-Lunzjata , Victoria,translazzjoni u Quddiesa Pontifikali minn Mons Isqof Mario Grech fil-5.00p.m.<br>Via Crucis Djoċesana fuq il-Għolja ta' Għammar fis-6.30pm.<br>Films għall-familja kull nhar ta' Ħadd fil-5.30pm (Oratorju Don Bosco). |
| 26.Tnejn | Tħabbira tal-Mulej.-Solennità. Messalin A. Festa Knisja tal-Lunzjata,Victoria, Quddiesa minn Dun Daniel Xerri, Rettur tas-Seminarju, li fiha l-Ordinandi jagħmlu it-talba għad-Djakonat u l-Presbiterat fil-5.15pm.<br>AKSK Sta.Tereża/ Laqgħa għas-Saċerdoti Żona Ċ (Xewkija fil-4.00pm).<br>Kunsill Pastoralill (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.00pm).<br>Eżerċizzi tar-Randan għall-persuni separati u għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF) fit-8.00pm. |
| 27. Tlieta | Irtir għas-Saċerdoti Dar Manresa / Laqgħa Kordinaturi Attivita Teatrali Skejjel.<br>Eżerċizzi tar-Randan għall-persuni separati u għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF) fit-8.00pm. |
| 28 Erbgħa | Irtir għas-Saċerdoti Dar Manresa.<br>Eżerċizzi tar-Randan għall-persuni separati u għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF) fit-8.00pm. |
| 29. Ħamis | Irtir għas-Saċerdoti Dar Manresa.<br>Eżerċizzi tar-Randan għall-persuni separati u għall-persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (KDF) fit-8.00pm. |
| 30.Ġimgħa | Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri-Festa tad-devozzjoni-Purċissjoni fil-Parroċċi. |
| 31. Sibt | Jum il-Ħelsien. Festa Nazzjonali. / Via sagra Djoċesana għaż-Żgħażagħ Għolja ta' Għammar fis-6.30pm KDŻ.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Parroċċa tal-Għarb – 8.00pm). |